Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri – Għawdex)

Imhallef Anthony Ellul

Seduta tal-lum, it-Tnejn, 2 ta' Marzu 2020.

Appell numru: 2309/2010

**Carmel Mercieca (appellant) u b'digriet tat-18 ta' Frar 2020 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Joyce Camilleri stante l-mewt ta' l-appellant fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Godwin Sultana (appellat)**

1. **Il-kawża hi dwar incident tat-traffiku li seħħ fis-6 ta' Novembru 2008 fi Triq id-Dwejra, San Lawrenz, Għawdex, bejn il-*mini-van* GMY-031 proprjeta` tal-attur li kien qiegħed isuq Anthony Camilleri, u *pick up* DBD-843 li kien qiegħed isuq il-konvenut.**

2. Fl-avviż ippreżentat fl-10 ta' Mejju 2010 fiċ-Centru Malti tal-Arbitraġġ, l-attur Carmel Mercieca talab:

   (i) li t-Tribunal jiddikjara li l-inċident seħħ tort tal-konvenut Godwin Sultana; u

   (ii) li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas tad-danni li jikkonsistu fi ħsarat fl-ammont ta' €7,680 u *loss of use* mid-data tal-inċident sal-aħħar ta' Marzu 2009, bl-imgħax u bl-ispejjeż legali nkluż dawk tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Jannar 2009.

3. Fir-risposta tat-23 ta' Ġunju 2010 il-konvenut Godwin Sultana wieġeb li l-inċident seħħ biss tort tal-attur jew tal-persuna li kienet qed issuq il-vettura

GMY-031 u għalhekk it-talbiet tal-attur kellhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess attur.

4. <u>B'deċiżjoni li ngħatat fis-17 ta' Ġunju 2019</u>, it-Tribunal tal-Arbitraġġ iddikjara li r-responsabbilta` għall-inċident kienet taż-żewġ sewwieqa fi grad ugwali. Qieset li d-danni fl-ammont ta' €7,680 kienu korroborati mis-*survey report* u mir-riċevuti annessi mal-Avviż tal-Arbitraġġ u għalhekk ikkonkludiet li l-konvenut kellu jħallas nofshom (€3,840). Kwantu għad-danni <u>in linea ta' *loss of use*</u> qieset li minħabba li ma kienx esklussivament il-konvenut li kkontribwixxa għall-inċident in kwistjoni, ma kellux ibati spejjeż fir-rigward. Ordnat li l-ispejjeż kellhom jiġu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

5. Fit-23 ta' April 2019 l-attur appella mis-sentenza u talab lil din il-qorti sabiex:-

   (i) tħassar u tirrevoka fl-interita` tagħha l-lodo tal-Arbitru tilqa' fl-intier tagħhom it-talbiet tiegħu; **jew, alternattivament**,

   (ii) f'każ li jidhrilha li għandha tikkonferma li ż-żewġ sewwieqa huma ugwalment responsabbli għall-inċident kif dikjarat mill-Arbitru, tħassar u tirrevoka dik il-parti tal-lodo fejn l-Arbitru ċaħdet it-talba sabiex jingħata kumpens għal-*loss of use* u minflok tillikwida tali kumpens għal-*loss of use* fl-ammont ta' €210 (cioe` nofs l-ammont ta' €420, rappreżentanti d-danni li sofra in linea ta' *loss of use*).

6. **L-aggravji tal-attur huma:-**

   (a) L-Arbitru ma tatx raġunijiet għalfejn ir-responsabbilta' għall-inċident għandha tinqasam f'sehem ugwali bejn il-partijiet.

   (b) Il-provi juru li l-inċident fil-fatt seħħ tort tal-konvenut u mhux taż-żewġ sewwieqa.

(c) Minkejja li l-Arbitru sabet liż-żewġ sewwieqa responsabbli għall-inċident, ordnat lill-konvenut jikkumpensah għal nofs l-ispejjeż tat-tiswija tal-mini-van, iżda mhux ukoll għal nofs it-telf li sofra minħabba *loss of use* tal-istess mini-van.

7. Fit-18 ta' Ġunju 2019 il-konvenut wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

**Konsiderazzjonijiet.**

**L-EWWEL AGGRAVJU**: (nuqqas ta' motivazzjoni).

8. Fl-ewwel lok din il-qorti tosserva li għalkemm fid-deċiżjoni t-Tribunal irriproduċa testwalment dak li qalu x-xhieda, ma nkluditx dak li xehed ix-xufier tal-mini-van u l-gwida li kien riekeb fuqu.

9. In oltre kwalsiasi apprezzament li setgħet għamlet tal-provi qajla ġiet riflessa fl-istess deċiżjoni. L-Arbitru sempliċiment ikkonstatat li l-inċident ġara fil-liwja tat-triq u li l-art kienet imxarrba, fattur li, skont hi, potenzjalment ikkontribwixxa sabiex is-sewwieqa ma kellhomx "*kontroll komplet*" tal-vetturi rispettivi tagħhom. Imbagħad irritenitet hekk:

> *"Hija l-fehma kunsiderata tal-Arbitru, mid-dinamika tal-inċident, u mill-assjem tal-provi prodotti mill-partijiet, li r-responsabbilta` għall-inċident de quo għandha tiġi attribwita liż-żewġ sewwieqa b'mod ugwali. Il-fattur il t-triq kienet imxarrba kien kontributorju sabiex jiġri l-inċident de quo."*

10. Għandu raġun għalhekk l-attur jilmenta li din hija dikjarazzjoni "ġenerika" li ma tikkontjeni l-ebda ndikazzjoni ta' fatturi u elementi speċifiċi mix-xiehda li wasslu lit-Tribunal għal dik id-deċiżjoni. It-Tribunal ma qalx liema kienu l-provi li kkonvinċewh sabiex jasal għal dik il-konklużjoni.

11. Għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-attur jirriżulta fondat.

**IT-TIENI AGGRAVJU:** (responsabbilta' għall-inċident).

12. Wara li l-Qorti qrat l-atti, ma tistax taqbel mal-konklużjoni tat-Tribunal li ż-żewġ xufiera kienu responsabbli għall-inċident.

**(a) <u>Verżjoni tal-ATTUR.</u>**

Għal dak li jirrigwarda l-mument tal-inċident, l-attur ressaq bħala xhieda rilevanti lil <u>Toni Camilleri</u> (s-sewwieq tal-mini-van), lil <u>Joseph Zerafa</u> (sewwieq ta' taxi li kien qiegħed isuq wara l-*mini-van*), u lil <u>Anthony Piccinino</u> (il-gwida).

(i) **<u>Toni Camilleri</u>**, ftit wara li sar l-inċident ta s-segwenti verżjoni lill-warden Peter Paul Attard:

*"Kont tiela' u kienet ġejja vettura DBD-843 minn quddiemi, żamm il-brake u baqa' jitkaxkar u baqa' dieħel ġo fija, mad-daqqa qalagħni min-naħa ta' wara."*

Fis-seduta tat-3 ta' Frar 2012 imbagħad xehed hekk:

*"Qabel l-inċident kont qiegħed insuq mid-Dwejra tiela' lejn il-pjazza ta' San Lawrenz. Kont insuq l-18 seater Toyota. Miegħi kelli lill-gwida u 10 passiġġieri….Kont tiela' bil-kemm nitħarrek għax kelli l-air condition mixgħul. Speed mhux żgur kelli 20kfs għax kont għat-telgħa. Gear kont second u billi kelli l-air condition u għat-telgħa bilfors ridt inwaqqgħu second.*

*Jien u ndur dan żamm il-brejk u baqa' dieħel ġo fija. Malli kont indur ilmaħt lil Sultana faċċata tiegħi. Il-gwida qalli, 'Dan għal ġo fina'. Daqshekk naf, u tefgħani ġol-ħajt. Qed niġi muri żewġ ritratti, TC1 u TC2. TC1: l-ewwel daqqa tahieli fuq il-kantuniera ta' quddiem tal-lemin u baqa' jitkaxkar miegħi sar-rota ta' wara kif jidher fir-ritratt. TC2: juri l-qagħda tal-vetturi kif spiċċaw wara l-ħabta.*

*Ma weġġa' ħadd. Jien inżilt u Sultana beda' jgħajjat, 'Skiddjali, skiddjali.'. U daqshekk. Kienet ix-xita. Għalhekk l-art kienet imxarba. Ma ntqalx diskors ieħor. Rajtu 40 pied bogħod. kif rani żamm il-brejk u baqa' jitkaxkar sakemm ħabat miegħi. Jien kont tiela' fuq sajdi, viċin il-ħajt tax-xellug għax trid taħseb għal ħaddieħor, min ikun nieżel. X' ħin inqalgħat il-vettura ta' Sultana, xarabank għaddiet.*

*Meta lmaħtu l-ewwel darba, Sultana kien fuq sajdu iżda wara li żamm il-brejk baqa' ġej*

*fuqi."*

*"Qed nimmarka l-punt X fejn tani d-daqqa. Nikkonferma li kont tiela' fuq is-side tiegħi. Nikkonferma li kont eżatt mal-ħajt fuq in-naħa tiegħi".*

(ii) **Joseph Zerafa** fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2012 quddiem l-Arbitru Dr Grazio Mercieca xehed hekk:

*"Meta seħħ l-inċident jien kont insuq it-taxi tiegħi wara l-minibus ta' Carmel Mercieca. Kien qiegħed isuq il-minibus ċertu Toni Camilleri. Toni Camilleri kien tiela' sewwa u bil-mod. Kellu l-passiġġieri u kellu anke gwida miegħu. Jien ma kontx taħtu eżatt. Kont bogħod ta' xi għaxar karozzi. Imma l-minibus kienet tidher, kont qed naraha. Toni kien tiela' max-xellug tiegħu. Wara ftit nara l-minibus imkaħħla mal-ħajt u trakk ma nafx minn fejn ġie. Jien ma stajtx inkompli fuq triqti. Il-vetturi spiċċaw kif jidher fir-ritratt TC1 ġja esebit u li qiegħed jiġi muri lili.*

*Godwin Sultana ilmenta li t-trakk tiegħu kien għadu ġdid. Diskors bejn iż-żewġ sewwieqa involuti fil-ħabta ma smajtx.*

*Ma nafx kinitx nieżla xita dak il-ħin imma naf li l-art kienet imxarrba. Il-ħabta nnifisha ma rajthiex."*

*"Nikkonferma li l-ħabta saret fil-kisra. Toni bil-mod kien tiela'. Kien mgħobbi bit-turisti u għalhekk ma setax isuq."*

(iii) **Anthony Piccinino**, fis-seduta tat-8 ta' April 2016 quddiem l-Arbitru Dr Charmaine Cherrett, xehed hekk:

*"…jiena kont il-gwida f' mini-van 18 seater misjuq minn ċertu Toni. Jiena kont fuq is-seat ta' quddiem. Konna telgħin mid-Dwejra u f' daqqa waħda tfaċċa 4-wheel drive, karozza kbira li jużaw il-ħaddiema. F' daqqa waħda rajt balla ħadid ġej lejna, r-roti kienu llokjati, baqa' ġej lejna u daħal fil-kantuniera tagħna, baqa' jitkaxkar mal-vann sakemm inqabad mar-rota ta' wara u weħel hemm. Dakinhar kienet ukoll ftit xita.*

*Meta jiena rajt l-ewwel darba dan il-vann kien hemm tul ta' madwar tliet karozzi, anke iktar.*

*Jiena kont ħadt anke ritratti. Qed niġi muri Dok TC1 u TC2. Nikkonferma li dawn huma r-ritratti li ħadt jiena.*

*L-ewwel darba li ż-żewġ karozzi messew ma' xulxin kienet fuq ix-xewka tal-vann. Aħna konna telgħin bil-mod il-mod….Bid-daqqa il-minibus intefgħet mal-ġenb tal-ħajt."*

**(b) Verżjoni tal-KONVENUT.**

**Il-konvenut Godwin Sultana**, ftit wara l-inċident, ta s-segwenti

verżjoni lill-warden:

"*Kont nieżel lejn id-Dwejra, kienet tiela' vettura GWY-031 miġbuda lejn in-naħa tiegħi, żammejt il-brake u peress li kienet ix-xita iżżerżqet ġol-vettura l-oħra u ħbatna***. Kienet tiela' kontra l-linja***".*

Fis-seduti tas-7 ta' April 2017, tal-10 ta' Ottubru 2017, u tat-2 ta' Marzu 2018 xehed:-

*"Dakinhar tal-inċident naf li kienet ix-xita, kont nieżel minn San Lawrenz lejn id-Dwejra. Kont qed insuq Toyota Hilux DBD-843, u ma kellix passiġġieri miegħi. Fin-niżla tad-Dwejra kif kont ser naqbad il-kantuniera sibt vann tiela'. Nispjega li kont fin-niżla t'isfel fil-kisra u* ***sibt vann fil-kantuniera kontra l-linja****.*

*…jiena lqattu fil-fanal tan-naħa tax-xufier u hu baqa' isuq biex jidħol għal-linja, u hu ħabat ġol-ħajt. Ngħid li kaxkarni u dawwarni għax ġibed it-trakk.*

*…Bħala speed ma niftakarx kemm kont nieżel, imma ma kontx nieżel intir.*

*…Qed niġi mistoqsi l-ewwel darba li ħbatna ma' xulxin f' liema karreġġjata tat-triq konna, ngħid li konna fil-karreġġjata tan-naħa tiegħi."*

*"Ngħid li x' ħin kont nieżel qabdt il-brejk u tkaxkart, it-triq kienet imxarba.*

*Ngħid li l-vettura jiena u nitkaxkar baqgħet miexja dritt. Jiena l-brejk ħsadtu għax sibtu ġo wiċċi."*

*"Jiena kont nieżel, u kif kont nieżel, jiena sibt il-vann fuq in-naħa tiegħi.*

*L-ewwel ħabta kienet fil-blinkers, fil-bieba. Il-vann baqa' jsuq għal ġol-liwja tiegħu, ħabat mal-ħajt, kisser il-blinker tan-naħa l-oħra u dawwarni min-naħa ta' quddiem.*

*Jiena spiċċajt fil-pożizzjoni li kont, ngħid ukoll li dakinhar tal-inċident kienet ix-xita.*

*Jiena naqbel mal-isketch kif jidher kif konna spiċċajna, ngħid li t-triq kienet idjaq."*

13. Fil-fehma ta' din il-qorti, ir-ritratt TC1 u l-i*sketch* tal-*warden* jikkorroboraw il-verżjoni tal-attur u xhieda li ressaq, fis-sens li fil-ħin tal-inċident il-mini van aħmar ma kienx *wrong side*, u jgidbu l-verżjoni tal-konvenut.







14. Jekk wieħed jara il-frak tal-fanal (kulur oranġjo) li jidher fir-ritratt TC1 ħdejn ir-rota ta' quddiem tal-lemin tal-*mini-van*, minnufih jinduna li jinsab fil-karreġġata tal-*mini-van*. Prova li dak kien il-post fejn seħħ l-impatt bejn iż-żewġ vetturi. Jekk wieħed iqabbel dak ir-ritratt mal-i*sketch* tal-*warden* jara li l-parti tal-lemin ta' quddiem tal-*mini-van,* indikata bl-ittra "c" (u li eżatt ħdejha jinsab l-frak tal-fanal) tinsab ferm fil-karreġġata tal-istess *mini-van*. Dan jindika li l-*point of impact* saret fil-karreġġata tal-*mini-van*. Tant hu hekk li d-distanza bejn *point*

'a' (il-ħajt) u 'c' hi ta' 0.9 metri biss meta mill-istess skizz hu evidenti li t-triq hi ferm iktar wiesgha. Konsiderazzjonijiet li jġibu fix-xejn il-verżjoni tal-appellat li x-xufier tal-minibus kien qiegħed isuq *wrong side*, jew kif ippropona d-difensur tal-konvenut waqt it-trattazzjoni li l-impatt seħħ f'nofs ta' triq. Għaldaqstant, l-appellat m'għandux raġun li dak ir-ritratt, *"c. Ma fih l-ebda indikazzjoni tal-punt fejn inizjalment seħħ l-impatt u bl-ebda mod ma jikkonferma dak li qiegħed isostni l-appellant"*.[1]

15. Hija għal kollox inverosimili dik il-parti tax-xiehda tal-konvenut meta jgħid li wara li laqat il-*mini-van*, is-sewwieq tal-*mini-van* "*baqa' jsuq biex jidħol għal-linja*". Dan qiegħed jingħad mhux biss għaliex (kif fuq spjegat) il-frak jidher fil-karreġġata tal-vann, iżda wkoll peress li r-roti tal-*mini-van* ma jidhrux mdawwrin lejn ix-xellug (kif kienu jkunu kieku x-xufier tal-*mini-van* saq lejn il-ħajt "*biex jidħol għal-linja*"). Ir-roti huma pjuttost imdawwrin lejn il-lemin.

16. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti tikkonkludi li t-Tribunal tal-Arbitraġġ kellu jasal għall-konklużjoni waħda, li l-inċident seħħ tort tax-xufier tal-*pick up* u mhux li ż-żewġ xufiera kienu responsabbli.

17. Għaldaqstant tilqa' t-tieni aggravju.

**<u>IT-TIELET AGGRAVJU</u>**: (*loss of use*).

18. Finalment l-attur jilmenta bil-fatt li minkejja li l-Arbitru kkonkludiet li għall-inċident kienu responsabbli ż-żewġ sewwieqa ugwalment, hija ċaħdet it-talba tiegħu li jitħallas kumpens għal-*loss of use*. Jargumenta (bla preġudizzju għall-aggravji preċedenti tiegħu) li ladarba l-Arbitru kkonkludiet li għall-inċident kienu responsabbli ż-żewġ sewwieqa ugwalment, kellha allura tordna lill-konvenut iħallsu nofs l-ammont reklamat minnu (l-attur) in linea ta' *loss of use*.

[1] Tweġiba għar-rikors tal-appell.

19. Għalkemm it-Tribunal ikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur nofs l-ispejjeż tal-ħsarat li ġarrab il-*mini-van*, ma kkundannahx iħallas għal-*loss of use*.

20. L-attur talab is-somma ta' €420 ħlas ta' *loss of use* (€10 ħlas addizzjonali għal kull wieħed mill-42 vjaġġ li kellu jsir b'*mini-van* ta' ħaddieħor waqt li l-*mini-van* tiegħu kien qed jissewwa)[2]*.* Il-konvenut argumenta li l-*mini-van* ma kellux idum dak iż-żmien kollu (kważi ħames xhur) sabiex jissewwa. Isostni li l-attur kellu dmir li jnaqqas id-danni, billi jaċċerta ruħu li l-*parts* jaslu fl-iqsar żmien possibbli, inkluż, jekk neċessarju, billi jiġu kkonsenjati bil-*courier* flok bil-proċedura normali. Kompla li l-attur naqas milli jeżerċita l-grad ta' diliġenza necessarju biex jillimita tali danni.

21. Kważi ħames xhur mhuwiex perjodu qasir, għalkemm il-ħsarat ma kinux ftit. L-attur xehed li t-tiswija bdiet meta bdew jaslu l-parts. Żied li *"Ix-xogħol ma kienx isir kuljum, u hu ma kienx jaħdem ġurnata sħiħa".* Ma jirriżultax meta waslu l-parts u meta bdiet it-tiswija. Skont is-survey report Dok. JM2 li sar mill-kumpannija assiguratriċi Thomas Smith Insurance Agency Ltd, loss of use kien hemm ħmistax-il ġurnata. Mhuwiex magħruf jekk dan iż-żmien jinkludix iż-żmien sabiex jinxtraw il-*parts*.

22. Wara li l-qorti qieset l-entita' tal-ħsara li sofra l-vann u wkoll is-*survey report* li sar fuq il-vettura, tikkonkludi li tiswija kellha ssir sal-aħħar ta' Jannar. Ma tressqux provi li jistgħu jwasslu lil din il-qorti sabiex tqis li kważi ħames xhur kienu ġustifikati sabiex issir it-tiswija. Għalhekk ser tillikwida s-somma ta' €170 bħala l-ammont dovut għal-*loss of use*.

23. Għaldaqstant, tilqa' parzjalment it-tielet aggravju.

**Għal dawn il-motivi, din il-qorti tilqa' l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li**

[2] Ara l-elenku tat-42 vjaġġ li saru fil-perjodu 11.11.2008 – 28.03.2009 Dok X a fol. 6 tal-proċess tal-appell.

**ngħad hawn fuq u tvarja d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ fis-sens li:-**

1. **Tiddikjara li l-inċident meritu tal-kawża seħħ biss tort tal-konvenut.**

2. **Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' sebat elef tmien mija u ħamsin ewro (€7,850) bħala danni, in kwantu għal €7680 spejjeż relatati mat-tiswija tal-vann u €170 għal-*loss of use*.**

3. **Spejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu in kwantu għal 95% a karigu tal-konvenut u 5% a karigu tal-attur.**

(ft.) Dr Anthony Ellul

Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb

D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur